# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2006/2043(INI)**

31.8.2006

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar sħubiji pubbliċi u privati u l-liġi tal-Komunità dwar l-akkwisti pubbliċi u l-konċessjonijiet
(2006/2043(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Paolo Costa

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

A. wara li kkunsidra l-ħtieġa strateġika ta' l-aġġornament ta' l-infrastruttura ta' l-Unjoni u speċjalment ta' l-infrastruttura u tas-servizzi tat-trasport u l-loġistika - min-netwerks ta' skala kbira bħat-TEN-T għal oħrajn speċifiċi bħal portijiet u ajruporti, pjattaformi loġistiċi u pjattaformi ta' interskambju modali, u dawk konnessi ma' trasport urban (parkeġġi tal-karozzi, linji tal-ferroviji lokali, linji tat-tramms, sistemi ta' taħt l-art, xarabankijiet u servizzi tat-trasport pubbliku lokali) - li, minħabba d-dimensjoni finanzjarja kbira tagħhom, jitfgħu pressjoni dejjem tikber fuq il-baġits ta' l-Istati Membri,

B. wara li kkunsidra, pereżempju, il-bżonnijiet finanzjajri kbar - li jmorru lil hinn mir-riżorsi tal-Komunità stess - tal-proġetti ta' infrastruttura tat-TEN-T tas-snin li ġejjin, li huma stmati EUR 600 biljun għall-perjodu sa l-2020 (inkluż EUR 225 biljun għat-tletin proġett ta' prijorità li minnhom EUR 140 biljun fil-perjodu 2007-2013), li jistgħu jiġu koperti biss billi wieħed jirrikorri għal varjetà ta' sorsi li jinvolvu firxa wiesgħa ta' persuni u korpi pubbliċi u privati permezz ta' l-inċentiv finanzjarju ta' l-għotjiet tal-Komunità,

C. wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità fil-qasam tan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej u ta' l-enerġija (COM(2004)0475), li kien imfassal sabiex iħeġġeġ l-investiment pubbliku fis-settur billi jżid ir-rata ta' kofinanzjament tal-Komunità,

D. wara li kkunisdra l-esperjenza tas-sħubija pubblika u privata - kemm 'kuntrattwali' u kemm 'istituzzjonali' - miksuba matul is-snin f'xi Stati Membri, partikularment fil-qasam tal-proġetti tat-trasport u b'mod partikulari permezz ta' PPPs ibbażati fuq konċessjonijiet, bħala mezz għall-awtoritajiet pubbliċi sabiex ikabbru kemm jista' jkun il-valur għall-flus tar-riżorsi pubbliċi u jaqsmu r-riskji ma' sħab privati,

E. billi dan il-fenomenu jieħu bosta forom, li kullma jmur qiegħed jinvolvi l-applikazzjoni ta' prinċipji u regoli speċifiċi tal-Komunità, u produċa sett ta' regoli li jeħtieġu qafas inizjali, għalkemm għandhom jitħallew jevolvu,

F. billi s-sħubiji pubbliċi u privati jistgħu u għandhom jgħinu sabiex tittejjeb il-kwalità u l-kontinwità tas-servizz pubbliku permezz ta' arranġamenti għall-qsim tar-riskji bejn is-setturi pubbliċi u privati,

G. billi, sabiex ikun żgurat li l-infiq fuq l-infrastruttura tat-trasport jitqassam b'mod kemm jista' jkun effettiv u effiċjenti, huwa meħtieġ f'kull każ li tiġi promossa l-iżjed parteċipazzjoni wiesgħa possibbli mis-settur privat fl-ippjanar, fil-kostruzzjoni, fl-immaniġġjar u fil-finanzjament ta' l-infrastrutturi permezz ta' ħruġ ta' sejħiet pubbliċi għal offerti, tfigħ ta' offerti u ta' għoti ta' kuntratti trasparenti,

H. billi l-Eurostat jidentifika l-mod kif il-kategoriji ewlenin ta' riskju (ta' kostruzzjoni, ta'

disponibbilità u ta' provvista) huma assenjati bħala l-kriterji li jiddeterminaw l-impatt tal-proġetti PPP fuq il-kontijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri,

I. billi, fil-PPPs, l-intrapriżi u l-korpi pubbliċi jistgħu ma jkunux eleġibbli għal għotjiet mill-Komunità minħabba li ma jkunux jifilħu għall-ispejjeż tal-kostruzzjoni, filwaqt li l-intrapriżi u l-korpi privati jistgħu ma jkunux eleġibbli għall-istess għotjiet għax ikunu jirċievu 'pagamenti ta' disponibbilità' biex ikopru l-ispejjeż tal-kostruzzjoni,

J. billi l-fażijiet ta' l-ippjanar, tad-deċiżjoni u tal-kostruzzjoni tal-proġetti TEN jistgħu jaqbżu l-qafas finanzjarju li jagħmel lill-għotjiet disponibbli,

1. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tadotta strument legali li jiddefinixxi linji gwida bi l-għan li jġib flimkien il-leġiżlazzjoni u l-prinċipji eżistenti kif ukoll lid-definizzjonijiet u l-kunċetti bażiċi li jsejsu t-tipi varji ta' sħubija pubblika u privata fl-Ewropa u li huma applikabbli għal PPPs kemm 'kuntrattwali' u kemm 'istituzzjonali' sabiex tiġi żgurata konformità mal-prinċipji ta' trattament indaqs u ta' uniformità bejn l-Istati Membri filwaqt li titħalla libertà massima lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali tagħhom sabiex jiftehmu dwar id-dettalji ta' arranġamenti kuntrattwali jew istituzzjonali, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

2. Iqis li l-istrument legali dwar il-PPPs istituzzjonali jew kuntrattwali għandu jfittex li jistabbilixxi lista ta' l-'aqwa prattika' u ta' l-'agħar prattika' fir-rigward tal-PPPs, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-istadju li fih jintgħażel kuntrattur privat, pubbliku jew semi-pubbliku, u li jiddefinixxi l-każi li fihom tkun tista' tiġi applikata soluzzjoni interna;

3. Iqis li, fil-każ ta' PPSs kuntrattwali, meta jniedi proġett PPP is-settur pubbliku jeħtieġ kumparatur preċedenti mis-settur pubbliku u analiżi tal-valur għall-flus; iqis ukoll li fil-każ ta' din il-kategorija ta' PPPs, li għandha tinftiehem fis-sens wiesa' tal-konċessjonijiet, sabiex tinkludi kuntratti li l-oġġett tagħhom huwa l-provvediment tas-servizzi pubbliċi li jeħtieġu t-twettiq ta' xogħlijiet infrastrutturali u fejn il-biċċa l-kbira tad-dħul tal-konċessjonarju jidħol minn pagamenti diretti minn awtoritajiet pubbliċi, l-istrument legali li jiddefinixxi l-linji gwida għandu jindirizza l-istadju ta' l-għażla tal-kuntrattur privat u għandu jistandardizza bosta eżempji ta' l-aqwa prattika - li m'għandhomx, madankollu, ikunu jorbtu - għall-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati; jikkunsidra li dawn il-linji gwida għandhom ukoll jistipulaw il-prinċipji li jkunu applikabbli għall-qafas kuntrattwali li jsegwi l-għoti tal-kuntratt, billi jieħdu approċċ proskrittiv u jindikaw liema tipi ta' kondotta jew dispożizzjonijiet kuntrattwali jikkontradixxu, jew jirriskjaw li jmorru kontra, il-prinċipji tal-liġi tal-Komunità; barra minn dan, jikkunsidra li dawn il-linji gwida għandhom jikkontribwixxu għal bilanċ tajjeb u qsim ġust tal-profitt u tar-riskju bejn is-sħab pubbliċi u privati, li jevita li ssir ħsara mhux aċċettabbli lill-pubbliku; fl-aħħar, jikkunisdra li l-Kummissjoni għandha tipprovdi eżempji ta' l-aqwa prattika fil-qsim tar-riskju bejn is-setturi pubbliċi u privati;

4. Jenfasizza li l-espressjoni 'kunflitt ta' interessi' għandha tiġi definita b'mod preċiż fil-livell ta' l-UE, fl-interess li jiġi stabbilit qsim ta' riskju ġust u ugwali;

5. Iqis li, fir-rigward tal-PPPs istituzzjonali, minħabba n-nuqqas preżenti taċ-ċertezza legali, partikularment fir-rigward tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li tirrigwarda l-'intrapriżi semi-pubbliċi' (sentenza tal-11 ta' Jannar 2005 fil-każ C-26/03,

Stadt Halle u RPL Lochau), dawn iridu jitpoġġew f'pożizzjoni legali iżjed sigura, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ta' l-esperjenza ta' ċerti Stati Membri f'dak il-qasam, permezz ta' strument legali speċifiku li jiċċara r-regoli applikabbli u l-konnessjoni bejn ir-regoli u l-prinċipji Komunitarji li jirrigwardaw il-liġi tal-kumpaniji, il-liġi tal-kompetizzjoni u l-liġi dwar il-kuntratti u l-konċessjonijiet pubbliċi, u li jikkjarifika li dan l-istrument irid ikun konformi mal-kriterji stipulati fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1999 fil-każ C-107/98, Teckal, mal-prinċipju tal-libertà amministrattiva ta' l-awtoritajiet lokali u mal-kompetenzi esklussivi ta' l-Istati Membri, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-arranġamenti tal-proprjetà; barra minn dan, jikkunsidra li l-istrument għandu jistabbilixxi wkoll distinzjoni bejn ir-regoli li japplikaw għall-attivitajiet ta' intrapriżi semi-pubbliċi li jkunu fl-interess tal-pubbliku ġenerali u r-regoli li japplikaw għall-attivitajiet li jsiru fl-interess privat tagħhom;

6. Jitlob għall-issussidjar inkroċjat ta' konċessjonijiet, metodu li jippermetti lill-infrastrutturi ta' żvilupp reġjonali li ma jrendux qligħ li jiġu finanzjati mill-introjti ta' infrastrutturi li jagħmlu qligħ mingħajr rikors eċċessiv għall-infiq pubbliku, u li bħalissa jinsab mhedded mill-implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, li għandu jitqies li jikkostitwixxi tip separat u oriġinali ta' sħubija pubblika u privata u jitqiegħed fuq bażi legali soda bħala tali;

7. Jittama li l-arranġamenti tal-kontabilità nazzjonali għall-kuntratti pubbliċi u privati jkunu jistgħu jħaffu l-finanzjament ta' l-aġġornament ta' l-infrastruttura ta' l-UE, għalkemm iridu jirrispettaw l-impenji dwar id-defiċit u d-dejn ta' Maastricht (stqarrija pubblika STAT/STAT/18);

8. Jitlob, fil-każ ta' operazzjonijiet li jinvolvu l-'PPPs istituzzjonali' (jiġifieri intrapriżi semi-pubbliċi), li s-sieħeb privat ikun identifikat fuq il-bażi ta' proċedura miftuħa għall-pubbliku, li matulha jridu jiġu stipulati wkoll il-kriterji li għandhom imexxu r-relazzjoni kummerċjali sussegwenti bejn l-intrapriża semi-pubblika u s-sieħeb privat tagħha (sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' 'l-għoti ta' kuntratti doppju');

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura, billi teżerċita l-kontroll tal-Komunità fuq l-għajnuna mill-Istat, li l-għoti ta' sussidji ma jkunx jinvolvi xi diskriminazzjoni bejn l-operaturi, kemm privati, kemm pubbliċi u kemm imħalltin;

10. Jenfasizza li, b'żieda ma' l-issodisfar tar-rekwiżiti tad-deċiżjoni ta' l-EUROSTAT dwar it-trattament tal-kontabilità ta' sħubiji pubbliċi u privati, iridu jingħataw direzzjonijiet ulterjuri rigward il-kwantifikazzjoni tar-riskji assoċjati mal-proġetti sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ħarsien tal-kriterji ta' Maastricht;

11. Jemmen li l-effett ta' lieva maħluq mis-sħubiji pubbliċi u privati għandu jitkabbar b'mod konsiderevoli meta, matul il-qafas finanzjarju li ġej (2007-2013) se jkunu disponibbli EUR 2,907 miljun kull sena għall-finanzjament mill-UE tat-TEN-T, kuntrarjament għas-EUR 600 miljun matul il-perjodu ta' prospettivi finanzjarji preżenti, flimkien ma' Fond ta' Garanzija għas-Self imfassal b'riferenza għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-PPPs u l-limiti ogħla għall-kontribuzzjonijiet ta' l-UE għall-proġetti TEN-T;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew għall-Investiment sabiex jgħaqqdu flimkien l-kompetenzi tagħhom u jxerrduhom, b'mod speċjali f'dawk il-pajjiżi fejn l-

awtoritajiet m'humiex familjari mal-PPPs;

13. Jemmen li r-reviżjoni tar-regoli eżistenti dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Komunità fil-qafas ta' l-iskemi tal-PPP huwa meħtieġ sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-użu effettiv ta' din il-forma ta' għajnuna.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sħubiji pubbliċi u privati u l-liġi tal-Komunità dwar l-akkwisti pubbliċi u l-konċessjonijiet |
| **Numru tal-proċedura** | 2006/2043(INI) |
| **Kumitat responsabbli** | IMCO |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>16.2.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 16.2.2006 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Paolo Costa<br>23.11.2004 |
| **Rapporteur għal opinjoni preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 15.6.2005 29.8.2005 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 30.8.2005 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | favur: 45<br>kontra: 1<br>astenzjonijiet: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Etelka Barsi-Pataky, Philip Bradbourn, Paolo Costa, Michael Cramer, Arūnas Degutis, Christine De Veyrac, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Robert Evans, Emanuel Jardim Fernandes, Luis de Grandes Pascual, Mathieu Grosch, Ewa Hedkvist Petersen, Jeanine Hennis-Plasschaert, Stanisław Jałowiecki, Georg Jarzembowski, Dieter-Lebrecht Koch, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Evelin Lichtenberger, Patrick Louis, Erik Meijer, Robert Navarro, Josu Ortuondo Larrea, Willi Piecyk, Luís Queiró, Reinhard Rack, Luca Romagnoli, Gilles Savary, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Gary Titley, Georgios Toussas, Marta Vincenzi, Corien Wortmann-Kool, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zsolt László Becsey, Johannes Blokland, Den Dover, Nathalie Griesbeck, Zita Gurmai, Elisabeth Jeggle, Anne Elisabet Jensen, Sepp Kusstatscher, Zita Pleštinská |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |